# MAESTRO ANTHONY SAMMUT

**A.Mus., L.C.M. (Lond)**



Din is-sena jaħbat għeluq l-għaxar sena mill-mewt tal-mibki iżda qatt minsi Maestro Anthony Sammut A.Mus., L.C.M. (Lond) u għalhekk qegħdin inġibu dan l-artiklu fuqu biex ma jintesa qatt għax kien hu li kiteb l-Innu għażiż tal-Madonna tal-Karmnu fuq versi li kien kitbilna l-maħbub Dun Frans Camilleri, poeta u fotografu ta' professjonalità kbira, li qegħdin inġibu artiklu fuqu wkoll biex ikollna informazzjoni fuq min kiteb il-kliem u l-mużika ta' l-innu tal-Madonna tal-Karmnu.

Antonio Sammut, bin Mikiel u Rożina minn B'Kara, eduka ruħu fil-Kulleġġ tal-Freres, Bormla, tgħallem il-mużika għand is-surmastrijiet Vincenzo Costa u ibnu Carmelo Costa L.R.S.M. Ta' 11-il sena beda l-eżamijiet ta' l-*Association of the London College of Music*. Minn dan il-Kulleġġ kiseb midalja tal-fidda u oħra tal-bronż, ċertifikat ta' l-eżami tas-*Seventh - Advance - Final - Royal Schools and Royal College of Music (Lond)* u ta' 24 sena ngħatatlu d-diploma bit-titlu ta' A.Mus., L.C.M. Antonio, żagħżugħ ta' 30 sena, kien professur tal-kurunetta, surmast ta' l-armonija, direttur u kompożitur. Bħala direttur kellu jgħinuh widna sensibbli, qalb edukata u moħħ intelliġenti.

Kien Surmast għal għadd ta' snin mal-baned Piju X ta' Ħal Lija u Nicola Isouard tal-Mosta, kif ukoll ta' l-Imperial tal-Mellieħa u tal-banda Għawdxija La Stella. Ġieli wkoll idderieġa l-baned King's Own u ta' Sant'Elena ta' B'Kara.

Insemmi biss li fost ix-xogħlijiet tiegħu, minbarra l-mużika għall-innijiet tad-dħul u ta' l-offertorju għall-festi ewlenin tagħna tal-Madonna tal-Karmnu, Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, Santa Tereża l-Kbira, San Ġwann tas-Salib u xi innijiet oħra f'okkażjonijiet speċjali, tiegħu hija l-mużika ta' l-antifona ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Għamel l-antifona ta' Santa Tereża ta' Avila għall-knisja tagħna ta' Bormla u l-innu-marċ tal-Madonna tal-Karmnu li għandu l-versi ta' P. Ludovik Schembri OCD li llum qiegħed jistrieħ fid-Dar tal-Kleru. Iżda fuq kollox nitgħaxxqu nisimgħu l-mużika ħelwa ta' l-innu popolari u uffiċjali tal-festa tagħna li kemm-il darba kien idderieġa hu stess bħala Surmast tal-baned li konna nistiednu. Dan is-Surmast ta' ħila ħalla din id-dinja nhar is-6 ta' Ottubru 1991 wara li filgħodu kien irċieva l-Ewkaristija għall-aħħar darba fis-Santwarju tagħna.




**VERI GIOCATTOLI**
67, ST. ANTHONY STR.,
MARSASCALA ZBR 11, MALTA
TEL: 676316/824081 - TELEX: MW 1449 CONTIR




**Manufacturers of Soft Toys**

*All products are affectionately crafted from the best new materials with all safety requirements. Individual attention is given to each item. Hand finished with love and care. A toy to be treasured in years to come.*
*The Company also manufacturers to customer's own designs.*